**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Jeffrey Scicluna**
**Spettur Priscilla Caruana Lee)**

**vs**

**Omissis**
**Anthony Galea**

**Seduta Distrett Valletta**

**Illum 25 ta' Marzu 2019**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputati **Omissis** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 88191 (M) u **Anthony Galea** detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 736062 (M) billi huma akkuzati talli f'dawn il-gzejjer, bejn Novembru 2015 u Dicembru 2017, b'diversi atti maghmulin minnhom fi zminijiet differenti, li kisru l-istess dispozizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Ircivew minghand xi hadd iehor jew kisbu minghand xi haddiehor xi wieghdha li jinghataw lilhom jew lil ohrajn, b'korrispettiv ghal xi

self, imghaxijiet jew qliegh iehor taht liema ghamla tkun, b'eccess minn dak li jkun permess bil-ligi u dan bi ksur tal-Artikolu 298(c) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Kif ukoll talli matul l-istess perjodu msemmi hawn fuq bl-imgieba taghhom ikkagunaw biza li se juzaw vjolenza kontra l-persuna ta' Elton Saliba jew tal-familjari tieghu nkluzi wliedu, u/jew kontra l-propjeta tieghu u dan bi ksur tal-Artikolu 251B tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Aktar talli ngurjaw jew heddu lil Elton Saliba u dan bi ksur tal-Artikolu 339(e) tal-Kap.9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Prosekuzzjoni titlob lil Onorabbli Qorti biex tipprovdi sigurta ghal skop ta' Protezzjoni ta' Elton Saliba u l-familjari tieghu taht l-Artikolu 412 C.

Il-Qorti giet gentilment mitluba wkoll sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tikkundanna lill-akkuzati ghal hlas ta'spejjes li jkollhom x' jaqsmu mal-hatra ta'esperti jew periti fil-proceduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li sar separazzjoni tal-gudizzju fl-4 ta' Dicembru 2018 (a fol 366);

Rat illi fis-seduta tal-4 ta' Dicmebru 2018 il-Qorti tat il-fakulta lill-Prosekuzzjoni biex fi zmien xahar minn dik id-data tipprezenta sottomissjonijiet taghha bil-miktub li kellha tkun ikkomunikata lid-difiza li min-naha taghha nghatat xahar zmien biex tressaq is-sottomissjonijiet taghha bil-miktub;

Rat illi l-Prosekuzzjoni pprezentat nota ta' sottomissjonijiet nhar l-4 ta' Jannar 2019;

Rat illi d-Difiza pprezentat nota ta' sottomissjonijiet nhar l-14 ta' Jannar 2019;

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti;

Semghet il-provi;

*XHIEDA*

F'dan il-process xehdu erbatax (14) -il xhud kif gej:

Elton Saliba (*a fol* 32 et. seq.); PC 101 Ruznai Gaffarena (*a fol* 44 et. seq.); WPC 60 Grace Bianco (*a fol* 47 et. seq.); Spettur Jeffrey Scicluna (*a fol* 50 et. seq.); Spettur Priscilla Caruana Lee (*a fol* 64 et. seq.); PS 1338 Noel Apap (*a fol* 68 et. seq.); Carmelo Saliba (*a fol* 74 et. seq.); Daniel Vella (*a fol* 81 et. seq.); PS 507 Rhys Cassar (*a fol* 100 et. seq.); PS 1024 Jeffrey Rizzo (*a fol* 104 et. seq.); Dr Martin Bajada (*a fol* 191 et. seq.); Joseph Mallia (*a fol* 311 et. seq.); Alison Mifsud Brimmer (*a fol* 343 et. seq.); Shaun Briffa (*a fol* 367 et. seq.).

**Il-fatt specie tal-kaz**

Dan il-kaz gie investigat wara rapport li sar minn Elton Saliba li kien stqarr mal-Ispettur Jeffrey Scicluna illi kellu hafna problem psikjatrici u sahansitra kien ikkontempla s-suwicidju wara li kien inqabad f'xibka ta' uzura. Is-Sur Saliba kien stqarr illi kien issellef s-somma totali ta'

sebat'elef u hames mitt ewro (€7,500) minghand certu Gilbert Galea, iben l-imputat, fejn dan imbaghad spicca sabiex jitolbu lura mija u hamsin elf ewro (€150,000).

Elton Saliba fl-stqarrija li ta lill-pulizija, stqarr illi Gilbert Galea kien qallu li l-flus kien gabhom minghand missieru u cioe', Anthony Galea. Saliba stqarr li Gilbert kien jcempillu u jitolbu somom ta' flus biex 'jaghti x' jixrob lil missieru'[1].

Fl-istqarrija li rrilaxxa Gilbert Galea mal-pulizija[2], huwa stqarr illi meta kien sellef dawn is-sebat'elef u hames mitt ewro (€7, 500) kien ghamel dan bi qbil ma' Anthony Galea, u kien f'isem Anthony li saret il-karta bil-miktub.

Fl-istqarrija li rrilaxxa mal-Pulizija, Anthony Galea jistqarr illi huwa gieli sellef xi flus[3].

**Elton Saliba[4]** xehed dwar l-ammonti li ntalbu u s-sistema ta' kif kellhom jithallsu dawn is- sebat'elef u hames mitt ewro (€7,500), liema ammonti li ntalbu lura kienu jlahhqu il- mija u hamsin elf ewro (€150,000). F'din ix-xhieda, l-*parte civile* Elton Saliba jidentifika lil Anthony Galea u lil Gilbert Galea bhala l-persuni li kienu sellfuh dawn il-flus.

[1] a fol 21 *et seq.*
[2] a fol 6 *et sequitur* tal-atti
[3] a fol 11 *et seq.*
[4] a fol 32 et seq.

KONSIDERAZZJONIJIET GENERALI

**Preliminari**[5]

Din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Quddiemha persuna jew persuni jigu mixlija li wettqu reati kriminali. Il-Qorti hija adita bl-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha u li jkunu maghmula mill-prosekuzzjoni. Hemm limitu kemm il-Qorti tista' tkun flessibbli fir-rigward tal-interpretazzjoni tal-imputazzjonijiet li jingiebu quddiemha.

Għalkemm verament li l-komparixxi li fuqha hemm l-imputazzjonijiet hija ritenuta bħala *un avviso a comparire*, l-imputazzjonijiet huma dejjem ta' indoli penali. Ir-regoli tal-procedura ma jistgħux jigu interpretati b'mod wiesa' tali li l-parametri tal-azzjoni penali jigu spustati jew mibdula. Altrimenti d-difiza ma tkunx tista' tiddefendi ruħha kif jixraq.

Quddiem din il-Qorti jekk persuna tinstab ħatja teħel piena. Jekk ma tinstabx ħatja tigi meħlusa mill-imputazzjonijiet dedotti. Il-valutazzjoni dwar jekk persuna tkunx ħatja jew le tiddependi dejjem fuq il-provi li jingiebu quddiemha (u quddiem ebda post jew *medium* ieħor) u l-istess valutazzjoni hija marbuta mal-imputazzjonijiet kriminali li jkunu gew miktuba u prezentati quddiemha mill-Pulizija Ezekuttiva jew skont kif ikunu gew mizjuda jew mibdula fl-istadju opportun – u dejjem mhux aktar tard minn meta l-Prosekuzzjoni tkun iddikjarat il-provi tagħha

[5] Il-Qorti qeghda tibbaza dan fuq l-ispjega li ta l-kollega l-Magistrat Aaron Bugeja fil-kawza il-**Pulizija vs Joseph Calleja et**. deciza fil-5 ta' Frar 2016

magħluqa. Altrimenti jekk ma jkunx hekk l-akkuzatur ikun jista' jbiddel il-parametri tal-azzjoni penali skont meta jidhirlu u skont l-andament ta' dak li jkun qed iseħħ jew li jkun irrizulta matul il-kors tal-process penali.

Għalkemm hemm element ta' flessibilita' provdut minn certu gurisprudenza fir-rigward tal-procedimenti quddiem dawn il-Qrati ta' gurisdizzjoni limitata, din il-flessibilita' trid tkun tali li ma tkunx ta' pregudizzju għall-proceduri penali u għad-drittijiet tad-difiza.

Is-setgħat ta' din il-Qorti u r-rimedji li din il-Qorti tista' tagħti f'kull kaz huma limitati u ristretti għal dawk li huma previsti mil-Ligi u fil-Ligi. Din il-Qorti ma għandiex is-setgħa, ossia *carte blanche* li tiddeciedi kif trid u tipprovdi kull rimedju li jidhlilha f'moħħha jew li trid jew li tkun tixtieq tagħti. Il-provvedimenti tagħha huma limitati għal dawk provduti fil-Kodici Kriminali.

Din il-Qorti ma tistax tieħu post jew tissostitwixxi l-Qorti Civili kompetenti jew tagħti rimedji ta' natura civili li mhumiex previsti mill-Kodici Kriminali bħala li jistgħu jigu emanati minn Qorti ta' Gudikatura Kriminali.

F'kull kaz pero', stante li din hija Qorti ta' Gudikatura Kriminali hija marbuta bit-termini tal-imputazzjoni skont kif spjegat aktar 'il fuq. Aktar minn hekk, quddiemha, huwa dmir tal-Prosekuzzjoni li tipprova l-kaz tagħha skont kif proferit fl-imputazzjoni kontestata sal-grad ta' konvinciment morali u sufficjenza probatorja lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni. Mill-banda l-oħra, jekk id-difiza tagħzel li tressaq xi

provi jew sottomissjonijiet kif sar f'dan il-kaz, huwa bizzejjed għad-difiza li tikkonvinci lil Qorti bit-tezi tagħha fuq bazi ta' konvinciment morali li jistrieħ fuq bilanc ta' probabilita' u f'kaz li dan iseħħ, u l-Qorti ma tħossiex moralment konvinta li l-Prosekuzzjoni laħqet il-grad ta' prova rikjesta minnha, allura l-Qorti trid tillibera lill-imputat.

Dawn huma principji kardinali li jsawru l-procediment penali Malti. Jogħġbuna jew ma jogħġbuniex, dawn huma wħud mir-regoli bazilari li jistrieħ fuqhom il-procediment penali Malti.

Biss din il-Qorti ma tistax tieqaf hawnhekk. Hija marbuta li tiggudika dan il-kaz skont l-akkuza li giet magħmula mill-Prosekuzzjoni kontra l-imputat u ma tistax tbiddel hi bis-setgħa tagħha stess il-parametri tal-kawza intrapriza mill-Prosekuzzjoni u tiddeciedi kif jiftlilha jew tmur lil hinn mill-imputazzjoni prezentata lilha mill-Prosekuzzjoni.

**<u>L-ghodda biex tiddeciedi</u>**

Il-Gudikant li jkun se jiddeciedi kif se jaghzel is-sikkrana mill-qamh? It-twegiba nsibuha f'decizjonijiet li taw il-Qrati taghna:

> *Il-Gudikant għandu jezamina bir-reqqa l-provi rilevanti li jkollu quddiemu u mbagħad jiddeciedi l-kawza abbazi tal-ligi applikabbli, tal-gurisprudenza, u tal-provi li fl-opinjoni tiegħu huma konsistenti, konvincenti u korroboranti.*[6]

---

[6] Appell Civili Numru. 140/1991/2 - **Norbert Agius v. Anthony Vella et., deciz** fil-25 ta' April, 2008 mill-Prim Imhallef Vincent De Gaetano u l-Imhallfin Joseph D. Camilleri u Joseph A. Filletti.

F'decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali moghtija fit-23 ta' Jannar, 2007 fil-kaz **Il-Pulizija** *vs* **Charles Bianco**[7] l-Imhallef Giannino Caruana Demajo kkummenta dwar meta jkun hemm diskrepanzi fix-xhieda:

> Din il-Qorti kellha okkazjoni tisma' x-xhieda u – ħlief forsi għal ftit ecitament li jħossu xi xhieda meta jsibu ruħhom fl-ambjent ta' awla tal-Qorti, ukoll jekk ikunu familjari ma' dak l-ambjent iżda jkunu qegħdin jixhdu *in rebus suis*, u aktar meta jkunu qegħdin jirrakkontaw episodju li għalihom kien trawmatiku – ma rat xejn "nevrasteniku" jew isteriku fix-xhieda ta' John Bonello. Id-diskrepanzi żgħar bejn ix-xhieda ta' John Bonello u dik tal-Avukat Irene Bonello, li baqgħu għalkemm, kif jgħid l-appellant fir-rikors tiegħu, "żgur kellhom ħafna opportunitajiet li jitkellmu bejniethom dwar il-każ u jfakkru lil xulxin x'gara dakinhar tal-allegat incident", aktar milli sinjal illi x-xhieda ma tistax toqgħod fuqha huma sinjal illi x-xhieda ma kinitx orkestrata, u illi t-tnejn xehdu dak li ftakru u kienu onesti biżżejjed biex ma "jikkorregux" il-verzjonijiet biex igibuhom jaqblu ma' xulxin, għalkemm kellhom okkażjoni jagħmlu hekk u għalkemm setgħu jobsru illi d-diskrepanzi x'aktarx kien sejjer jaqbad magħhom l-appellant biex joħloq argument. Differenzi ta' dettal fil-mod kif xhud jara episodju trawmatiku huma ħaga normali u, sakemm fis-sostanza x-xhieda tkun taqbel, ma jfissrux illi dik ix-xhieda għandha tigi skartata.

[7] Appell Kriminali Numru. 115/2006

Artikolu 637 tal-Kapitolu 9 jipprovdi gwida cara lill-Gudikant kif ghandu japprezza xhieda ta' xhud:

> *id-deċiżjoni titħalla fid-diskrezzjoni ta' min għandu jiġġudika l-fatti, billi jittieħed qies tal-imġieba, kondotta u karattru tax-xhud, tal-fatt jekk ix-xiehda għandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti, u ta' fattizzi oħra tax-xiehda tiegħu, u jekk ix-xiehda hix imsaħħa minn xiehda oħra, u taċ-ċirkostanzi kollha tal- kaz.*

**L-istqarrija ta' ko-okkuzati**

Fil-mori tal-investigazzjoni illi ghamlet il-Pulizija Ezekuttiva johrog illi nhar it-23 ta' Dicembru, 2017, il-ko-imputat Gilbert Galea rrilaxxa stqarrija[8]

Il-ko-imputat Gilbert Galea fl-istqarrija tieghu jirrimarka illi *"Qalli l-10,000 euros riedhom sabiex jirranga l-forn u biex jistri slicer, Jien ghedtlu li jien ma kellix min fejn u ghedtlu li kont ser nistaqsi lil missieri. Jien mort id-dar u missieri qabel biex nghinu lil Elton."*

*L*-istess ko-imputat Gilbert Galea fl-istess stqarrija stqarr illi *"Jien fuq ismi m'hemm xejn. Karta wahda fejn iffirma missieri, dik tas- 7,800euros"*

Id-difiza tal-imputat sostniet li l-istqarrija tal-ko-imputat ma hiex ammissibbli bħala prova f'din il-kawża. L-artikolu 658 huwa pjuttost ċar fir-regoli li jistabbilixxi dwar meta u fejn stqarrija ta' ko-akkużat hija

[8] A. fol. 6 et. Seq

ammissibbli bħala prova favur jew kontra ko-akkużat ieħor, u f'liema kontest ko-akkużat jista' jixhed fil-konfront ta' ko-akkużat ieħor.

Dak enunċjat fl-Artikolu 636(a) u (b) tal-Kodiċi Kriminali, u anke minn ġurisprudenza tal-Qrati tagħna juru fejn ix-xhieda tal-ko-akkużat ma tikkostitwixxi ebda prova, la kontra u lanqas favur l-akkużat jew l-akkużati l-oħra, u b'hekk mhux ammissibbli bħala tali.

Din ir-regola hija desunta *a contrario sensu* minn dak li jipprovdi l-paragrafu (b) tal-artikolu 636, fis-sens li l-ko-akkużat isir xhud kompetenti fir-rigward ta' ko-akkużat, biss wara illi l-każ fil-konfront tiegħu ikun ġie definittavament deċiż. Fil-kaz odjern, il-kaz kontra l-ko-akkuzat Gilbert Galea ghadhu mhux deciz.

Id-difiza ssostni li hawn tapplika r-regola indikata, u b'hekk dak kollu li qal il-ko-imputat mhux ammissibbi fil-konfront ta' xulxin.

Il-Qrati tagħna kellhom l-opportunità li jippronunzjaw ruħhom fuq dan il-prinċipju f'diversi każijiet fosthom **Sua Maesta r-Re vs Carmeo Cutajar ed altri**,. Qorti Kriminali 18 ta' Jannar, 1927; **Il-Pulizija vs Toni Pisani** Appell Kriminali 11 ta' Novembru, 1944; **Il-Maesta tiegħu r-Re vs Karmenu Vella**, Qorti Kriminali 3 ta' Dicembru, 1947; **The Police vs Alfred W. Luck et**, Appell Kriminali 25 ta' April, 1949; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Faustino Barbara**, Appell Kriminali 19 ta' Jannar, 1996; **Il-Pulizija vs Nasher Eshtewi Be Hag et**, Appell Kriminali 2 ta' Frar, 1996; **Il-Pulizija vs Carmelo Camilleri u Theresa Agius**, Appell Kriminali 11 ta' Lulju, 1997, u **r-Repubblika ta' malta vs Domenic Zammit et** Appell

Kriminali 31 ta' Lulju, 1998, **<u>Ir-Repubblika ta' Malta vs Ian Farrugia</u>**, Qorti Kriminali Digriet Datat 22 ta' Dicembru, 1998.

Din ir-regola giet interpretata u estiza mill-gurisprudenza biex anki tkopri kazijiet fejn persuni li jkunu akkuzati bl-istess reat imma fi proceduri separati ma jkunux meqjusa bhala xhieda kompetenti u producibbli kontro ko-akkuzati jew ko-imputati ohrajn, hlief meta l-process tax-xhud ikun gie deciz definittivament.[9]

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet <u>"Il-Pulizija vs Omissis u Saada Sammut"</u>[10] spjegat li:

> **"Hekk di fatti kien gie ritenut mill-Qorti Kriminali b'Digriet tat-22 ta' Dicembru, 1998 fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ian Farrugia". Dik il-Qorti, f'dak id-Digriet, wara li ghamlet riferenza ghall- gurisprudenzahemm citata, rriteniet li persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur,bl-istess reat migjub kontra dak l-akkuzat liehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz u li dan il-principju japplika sija jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b' mod li jkun hemm "koakkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sija jekk tkun akkuzata fi proceduri separati. Il-bazi ta' dan il-principju hu l-argument "a contrario sensu" li jitnissel mill-paragrafu (b)**

[9] "Il-Pulizija vs Joseph Grech et." deciza nhar id-19 ta' Ottubru, 2016 mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) per Onor. Mag. Dr. N. Camilleri

[10] Deciza nhar is-16 ta' Novembru, 2006 per Onor. Imhallef J. Galea Debono

**tal-Artikolu 636 tal-Kodici Kriminali. Konsegwentement dik il-Qorti kienet iddecidiet li dak ix-xhud li kien akkuzat bhala ko-awtur bl-istess reat li bih l-akkuzat kien jinsab akkuzat, ma hux kompetenti li jixhed, qabel ma l-kaz tieghu jghaddi in gudikat. (Ara ukoll fl-istess sens Digriet tal-Qorti Kriminali fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Brian Vella" [4.2.2004] u ohrajn.) L-unika eccezzjoni ghal dir-regola hi proprju dik kontenuta fl-art. 636 (b) li tirrendi tali xhud kompetenti biex jixhed ghalkemm ikun imputat tal-istess reat li fuqu tkun mehtiega x-xhieda tieghu, meta l-Gvern ikun weghdu jew tah l-impunita' sabiex hekk ikun jista' jixhed."**

Il-Qorti taghmel referenza ukoll ghad-digriet imsemmi fid-decizjoni appena kwotata liema digriet inghata fit-22 ta' Dicembru 1998 fil-kawza "Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ian Farrugia", fejn il-Qorti Kriminali qalet hekk:

**"Il-gurisprudenza hi cara fuq dan il-punt: persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm "ko-akkuzati" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun akkuzata fi procedure separat.**

**Il-Qorti taghmel referenza wkoll ghas-segwenti decizjonijiet: R. v. Filippo Pace, Qorti Kriminali, 14/11/1890, Kollezz. Deciz. XII.531l; P. v. Toni Pisani App. Krim., 11/11/1944, Kollezz. Deciz. XXXII.iv.792; R. v. Karmnu Vella, Qorti Kriminali, 3/12/47, Kollezz. Deciz. XXXIII.iv.547; P. v. Alfred W. Luck et., App. Krim., 25/4/1949, Kollezz. Deciz. XXXIII.iv.870, u Rep. v. Domenic Zammit et, Qorti Kriminali, 15/12/1997 kif integrata bid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-istess ismijiet tal-31/7/1998.**

Il-Qorti tal-Appell Kriminali fil-kawza fl-ismijiet "Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Zammit et."[11] stqarret li:

**"Kwantu ghal dawk ix-xhieda li qed jintalbu mill-ko-akkuzati, il-gurisprudenza, ibbazata kemm fuq il-ligi kif ukoll fuq il-buon sens, hi cara. Persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra akkuzat iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra dak l-akkuzat l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz. Dan il-principju japplika sia jekk dik il-persuna tkun akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor – b'mod li jkun hemm "ko-akkuzat" fil-veru sens tal-kelma – u sia jekk tkun giet akkuzata fi proceduri separati. Fi kliem il-kompjant Imhallef William Harding:**

[11] 15/12/1997 kif integrata bid-decizjoni tal-Qorti ta' l-Appell Kriminali fl-istess ismijiet tal-31/7/1998

**"Maltese law, in fact, in section 632, Chapter 12 (Illum 636; Kap. 9), considers as incompetent to give evidence (except of course, on his own behalf) anyone charged with the same offence in respect of which his deposition is required, unless the proceedings against him are put an end to. Maltese law does not make any distinction as to whether the evidence of the co-defendant is required by the prosecution or by another defendant.""**

Il-Qorti tagħmel referenza għad-digriet datat 4 ta' Frar, 2004, fl-ismijiet ir-**Repubblika ta' Malta vs Brian Vella**[12].

Permezz ta' dan id-digriet, il-Qorti Kriminali ordnat illi l-ġuri ta' Brian Vella jiġi xolt, u dan a bażi tal-fatt illi x-xhud Domenic Bonnici, illi kien akkużat bl-istess reati bħall-akkużat, kien għadu ma għaddiex proċeduri, u għalhekk mhux xhud ammissibbli, kontra jew favur l-akkużat ai termini tal-Kodiċi Kriminali:

*"persuna li tkun akkuzata, kemm bhala komplici kif ukoll bhala ko-awtur, bl-istess reat migjub kontra l-akkuzat l-iehor ma tistax tingieb bhala xhud favur jew kontra l-iehor sakemm il-kaz taghha ma jkunx gie definittivament deciz u li dan il-principju japplika sija jekk dik il-persuna tkun giet akkuzata fl-istess kawza tal-akkuzat l-iehor b'mod li jkun hemm ko-akkuzati fil-veru sens tal-kelma u sia jekk tkun akkuzata fi proceduri separati'.*

[12] 4/2004

Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali Il-**Pulizija vs Carmelo Camilleri u Theresa Agius** tal-Imħallef Vincent DeGaetano tal-11 ta' Lulju, 1997:

> *"Hu prinċipju elementari tad-dritt ta' proċedura penali tagħna li dak li jistqarr ko-akkużat, sia jekk bil-fomm biss u sia jekk bil-miktub, ma jagħmilx prova la favur u anqas kontra ko-akkużat ieħor. Dan il-prinċipju jitnissel kemm mill-Artikolu 661 tal-Kodiċi Kriminali kif ukoll mill-Artikolu 636 (b) tal-imsemmi Kodiċi. Infatti l-ġurisprudenza tagħna rrikonoxxiet ukoll l-inammissibilità tax-xhieda tal-ko-akkużat kemm-il darba l-każ tiegħu ma jkunx ġie definittivament konkluż".*

Il-Qorti tfakkar f'Artikolu 661 tal-Kodici Kriminali fejn hemm imnizzel li *"Konfessjoni ma taghmilx prova hlief kontra min jaghmilha u mhix ta' pregudizzju ghal ebda persuna ohra."*

F'dan l-isfond u fid-dawl tal-fatt li Gilbert Galea huwa ko-imputat fil-proceduri quddiem dina l-Qorti (ghalkemm saret separazzjoni tal-gudizzju[13]), dak kollu mistqarr minnu, kemm favur kif ukoll kontra l-imputat, ma jista' qatt jitqies li jaghmel prova ammissibbli kontra l-imputat Anthony Galea.

[13] Dan il-punt se jkun trattat aktar 'l isfel

**Stqarrijiet minn ko-imputat illi l-proceduri fil-konfront tieghu ghadhom *sub-judice***

Kif spjegat il-Qorti aktar 'l fuq jirrizulta illi l-imputat kien gie implikat f'dan l-allegat self mertu ta'dawn il-proceduri mill-ko-akkuzat tieghu liema stqarrijiet ma jistghu qatt jitqiesu bhala prova ammissibbli in atti fil-konfront tal-imputat odjern u dan ghaliex il-proceduri tal-ko-imputat Gilbert Galea ghadhom *sub judice*, u dan ghaliex il-process fil-konfront ta' Gilbert Galea u tal-imputat huwa wiehed maqghud.

Dwar dan il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet **'Il-Pulizija vs Alfred Degiorgio'[14],** fejn il-Qorti qalet:

> **"Illi ghalkemm minn ezami tal-atti jirrizulta illi l-appellant kien gie implikat fil-hold up mertu ta' dawn il-proceduri penali mill-ko-akkuzati tieghu u dan kif johrog millistqarrijiet minnhom rilaxxjati lill-pulizija, madanakollu mhux biss dawn l-istqarrijiet wara l-izviluppi gurisprudenjzali u legali marbuta mal-validita' taghhom meta mehuda minghajr l-assistenza legali, ma baqghux jitqiesu bhala prova ammissibbli in atti, izda u fuq kollox, din il-konfessjoni maghmula mill-ko-akkuzati f'dawn l-istess stqarrijiet ma setghet qatt tikkostitwixxi prova ammissibbli fil-konfront tal-appellant u dan diment illi l-proceduri taghhom baqghu sub iudice, kif fil-fatt sehh f'dan il-kaz, billi l-proceduri fil-konfront ta' dawn it-tlieta minn nies kien wiehed u uniku. Illi**

[14] Ippreseduta mill-Onor. Imhallef Edwina. Grima deciza 'nhar it-12 ta; Dicembru, 2018

**lEwwel Qorti ghalhekk gustament skartat dawn l-istqarrijiet bhala prova fil-konfront ta'l-imputati kollha fejn allura huma ma setghu qatt jitqiesu bhala xhieda kompetenti fil-konfront ta' xulxin. Dan ghaliex il-ko-imputat mhuwiex xhud kompetenti filkonfront tal-ko-imputati l-ohra, hlief fic-cirkostanza imsemmija fl-artikolu 636(b) talKodici Kriminali, liema disposizzjoni tal-ligi ma issibx applikazzjoni f'dan il-kaz."**

Ghalhekk lanqas minn dan l-aspett procedurali, tali stqarrijiet ma jistghu jitqiesu bhala provi ammissibbli fil-konfront tal-imputat u ghaldaqsntant se jigu skartati.

## KONSIDERAZZJONIJIET DWAR L-IMPUTAZZJONIJIET

### L-Uzura

L-imputat jinsab mixli bir-reat ta' użura, reat li ġie ntordott fil-leġislazzjoni penali taħt l-artikolu 298C li jipprovdi:

*"Kull min jirċievi mingħand xi ħadd ieħor jew jikseb mingħand xi ħadd ieħor xi wegħda li jingħataw, lilu jew lil oħrajn, b'korrispettiv għal xi self, imgħaxijiet jew xi qligħ ieħor taħt liema għamla jkun b'eċċess minn dak li jkun permess bil-liġi, jeħel, meta jinsab ħati...."*

Il-Qorti taghmel referenza ghad-decizjoni tal-Qorti tal-Appell Kriminali fl-ismijiet il-**Pulizija vs Francis Formosa**[15] **d**eċiża mill-Imħallef Edwina Grima fl-14 ta' Diċembru, 2017 fejn spjegat li:

Taħt dan l-artikolu, l-uniku element meħtieġ sabiex jissussisti r-reat ta' użura huwa *"li dak li jkun jikseb wegħda li jingħataw b' korrispettiv ta' self, imgħaxijiet jew xi qliegħ ieħor b' eċċess ta' dak li jkun permess mill-liġi. Dan l-eċċess jitkejjel fuq dak li jipprovdi l-artikolu 1139 tal-Kodici Ċivili li jipprovdi għal rata ta' 8%. Hemm umbagħad l-artikolu 1854 tal-Kodiċi Ċivili li jiddisponi li fejn ir-rata tal-imgħax ma tkunx ġiet miftehma, l-imgħax għandu jitqies bil-5%. Għal dan il-prinċipju hemm xi eċċezzjonijiet li japplikaw fil-każijiet ta' banek, meta jinħargu bonds għall-pubbliku, eċċetera, fejn ikun permess li dak li jkun jintrabat għall-ħlas ta' imgħax ta' aktar minn 8%, li pero' kjarament mhumiex rilevanti għall-każ in diżamina."*

Dan allura jfisser li l-konsummazzjoni tar-reat isseħħ hekk kif issir il-wegħda li jitħallas imgħax għola minn dak permess bil-liġi.

Antolisei jgħallimna illi l-konsummazzjoni ssir fil-mument li ssir il-wegħda u allura r-reat huwa wieħed istantanju pero' b'effetti permanenti tul iż-żmien kollu li fih ikunu qegħdin isiru l-pagamenti.

Dwar l-element formali tar-reat imbagħad jgħallimna illi *"Il dolo e' costituito dalla volonta di farsi dare o promettere determinati interessi o vantaggi che superano il limite legale, con la coscienza ... che gli interessi o altri vantaggi o compensi sono sproporzionati rispetto alla propria prestazione"*.

[15] Appell Nru. 182/2017

Mill-provi jrid jirriżulta l-ftehim ta' self bejn il-vittma u l-awtur tar-reat, bil-konsapevolezza tal-awtur illi qiegħed jitlob imgħax in eċċess minn dak permess legalment.

Il-ġurisprudenza tgħalllimna illi "Evidenza ta' din l- intenzjoni tista' tigi preżunta minn atti li jkunu jindikaw li qed tinħeba l-vera portata w in-natura tas-self u l-korrispettiv…."

**<u>Ix-xhieda tal-*parte civile* Elton Saliba</u>**

Il-Qorti analizzat kemm l-istqarrija tal-*parte civile* Elton Saliba kif ukoll ix-xhieda li huwa ta quddiem din il-Qorti. Fix-xhieda tieghu ta'nhar l-4 ta' Jannar, 2018, il-*parte civile* jsostni illi,

> *" Gabhomli Gilbert, qalli minn ghand missieru"*[16]

> *"Jien kont kellimt lil Gilbert qalli: Nghid lid-daddy u qalli naqduk"*[17]

Jirrizulta biss illi isem l-imputat saret referenza ghalih mill-*parte civile* fuq dak li jidher li nghad mill-ko-imputat Gilbert Galea.

Mill-atti ma jirrizultax illi l-*parte civile* Elton Saliba, b'xi mod, f'xi hin staqsa, iltaqgha jew kkomunika kemm direttament jew indirettament mal-imputat Anthony Galea dwar dan l-allegat self ta'flus.

[16] a fol. 33
[17] A fol. 35

Skont gurisprudenza, kemm ta'dina il-Qorti kif ukoll tal-Qorti tal-Appell Kriminali, tali referenzi ghall-imputat mill-*parte civile,* tammonta biss ghal-*'hearsay evidence'u* konsegwentament mhux provi ammissibbli fil-konfront tal-imputat Anthony Galea.

Il-Qorti taghmel referenza ghal sentenza tal-Qorti Kriminali ta' nhar it-28 ta' Marzu, 2014 fl-ismijiet **'Ir-Repubblika ta'Malta vs Angelus Vella et.'** fejn dwar dan il-punt il-Qorti qalet:

> **"F'dak li huma deċiżjonijiet kriminali, il-Qrati tagħna issa ilhom sew isegwu il-prattika dwar il-hearsay rule. (Ara dwar dan il-punt: Ir-Repubblika versus Meinrad Calleja). Reċentement il-Qorti tal-Appell Kriminali diversament preseduta qalet hekk:" 'Fil-limiti tal-użu li għamlet l-ewwel Qorti tal-okkorrenza msemmija, ma hemm xejn irregolari. Hu ben stabbilit li waqt li prova hearsay ma hix prova tal-kontenut ta' dak li jiġi rapportat li ntqal, hi prova li dak rapportat li ntqal fil-fatt intqal fiċ-ċirkostanzi, data, post u ħin li ntqal u in kwantu tali hi ċirkostanza li meħuda ma' provi u ċirkostanza oħra tista' wkoll tikkontribwixxi għall-apprezzament li tagħmel il-Qorti.' (1 t'April 2011 'Il-Pulizija versus Fabio Schembri' preseduta mill-S.T.O. il-Prim Imħallef Dr Silvio Camilleri)"**

A bazi ta' dan li ntqal id-diskors li ntqal mill-*parte civile* ma jista' qatt jitqies bhala prova illi b'xi mod l-imputat kellu x'jaqsam ma'dan is-self izda huwa prova biss illi l-ko-imputat Gilbert Galea qal dan id-diskors.

**<u>L-istqarrija tal-imputat</u>**

Mill-atti jirrizulta li fit-23 ta' Dicembru, 2017 l-imputat irrilaxxa stqarrija fil-prezenza tal-ufficjal Prosekutur l-Ispettur Priscilla Caruana Lee kif ukoll WPC122 Anne Marie Abela.

Fin-nota ta'sottomissjonijiet taghha, il-Prosekuzzjoni tipprova torbot il-kaz taghha billi taghmel referenza ghall-istqarrija tal-imputat[18] fejn huwa stqarr illi fil-passat huwa kien sellef xi flus lil xi zewg persuni ohra.

Il-Prosekuzzjoni fin-nota taghha tghid illi *"…fl-istqarrija li rrilaxxa mal-Pulizija, Anthony Galea jistqarr illi huwa gieli sellef xi flus"*.

L-imputat jinsab mixli li sellef il-flus lill-parte civile, u dan bejn Novembru 2015 u Dicembru 2017, u mhux mixli b'self lil haddiehor fil-passat. Il-Prosekuzzjoni trid tipprova li l-imputat fil-perjodu tal-akkuza sellef b'uzura lil Saliba u mhux li fil-passat jista' jkun li sellef xi flus lil zewg persuni ohra.

Il-Qorti terga' tfakkar li ikun perikoluz hafna u detrimentali ghad-drittijiet fundamentali tal-individwu li kieku l-Qrati Kriminali taghna

---

[18] a fol. 11 et. Seq.

jibdew jistriehu fuq supposizzjonijiet, kongetturi jew emozzjonijiet biex jaslu ghall-gudizzju.

## KONKLUZZJONI

**Il-Qorti tinnota u twissi dwar il-periklu li wiehed jaqa′ fil-vizzju li jonfoq aktar milli jkollu jew li jilghab flusu u l-propjeta′ ghaliex b′konsegwenza ta′ hekk jispicca jdur ghall-uzura. Min jinqabad f′nassa ta′ uzura jispicca jkisser il-hajja tieghu u ta′ madwaru.**

Il-Qorti tissottolinea li huwa ben risaput li l-apprezzament tal-provi ghandu jsir mhux biss b'mod spezzettat u individwali izda l-provi ghandhom jigu analizzati flimkien fl-assjem taghhom sabiex wiehed jara x'inferenzi jew interpretazzjoni ragjonevoli u legali jista′ jaghti lil dawk il-provi hekk interpretati. Ma tistax tinstab htija jew nuqqas ta' htija semplicement fuq analizi individwali jew separata tal-provi. Dawn ghandhom jigu kkunsidrati kemm individwalment kif ukoll komplessivament. Dan hu appuntu l-ezercizzju li ghamlet din il- Qorti, u cioe′ li ezaminat bir-reqqa kollha l-provi prodotti f'dan il-kaz.

Certament ix-xiehda ta' xhud wiehed biss, jekk emmnut, hija bizzejjed biex tikkostitwixxi prova shiha u kompluta minn kollox, daqs kemm kieku l-fatt ikun gie pruvat minn zewg xhieda jew aktar[19]. U kif gie ritenut fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Thorne** tad-9 ta' Lulju 2003, "*mhux kull konflitt fil-provi ghandu awtomatikament iwassal ghal-liberazzjoni*

[19] Ara artikolu 638(2) tal-Kap. 9.

*tal-persuna akkuzata. Imma l-Qorti, f'kaz ta' konflitt fil-provi, trid tevalwa l-provi skond il-kriterji enuncjati fl-artikolu 637 tal-Kodici Kriminali u tasal ghall-konkluzjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex ser temmnu jew ma temmnux*"[20].

Il-Qorti tinnota li a bazi tal-provi prodotti u dan anke minhabba l-fatti spjegati aktar 'l fuq, l-Prosekuzzjoni ma gabitx il-provi tal-elementi rikjesti mill-ligi ghar-reati addebitati lill-imputat u 1-provi migjuba mill-prosekuzzjoni jieqfu ferm il-boghod mill-piz tal-prova rikjest mill-ligi u cjoe dak fi grad ta' certezza morali minghajr dubju dettat mir-raguni. Kwindi I-prosekuzzjoni ma ppruvatx iI-kaz taghha fil-grad li huwa rikjest fil-kamp penali.

**DECIDE:**

Ghal dawn il-mottivi l-Qorti ma ssibx lill-imputat Anthony Galea hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih u tilliberah.

Stante li l-imputat Anthony Galea ma nstabx hati tal-imputazzjonijiet migjuba kontrih il-Qorti ma tilqax it-talba tal-prosekuzzjoni biex tissekwestra l-assi mobbli u immobbli tieghu u tordna li titnehha mill-konfront tieghu l-ordni tal-iffrizzar ta' nhar it-18 ta' Jannar 2018.

Il-Qorti tordna kopja ta' din is-sentenza tigi komunikata lit-Taqsima tal-Iffrizar tal-Assi biex x'hin din is-sentenza tghaddi in gudikat issir il-

[20] Ara wkoll Appell Kriminali **The Police vs Graham Charles Ducker**, 19 ta' Mejju 1957.

pubblikazzjoni necessarja dwar it-tneħħija tal-iffrizar tal-assi mobbli u immobbli ta' Anthony Galea.

---

**Dr. Joseph Mifsud**
**Magistrat**